# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 727/01GV**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Mary Doris Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' elf mija u sitta u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,186.97) bilanc ta' somma akbar, rappresentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u "*airtime*" ghall-istess uzu moghti lill konvenuta mis-socjeta' attrici skond il-fattura hawn annessa markata Dokument A;

Premess illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, il-konvenuta baqat inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sitta u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,186.97) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**